

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1799**tat-12 ta' Ġunju 2017****li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti banek ċentrali ta' pajjiżi terzi waqt it-tweġġ tagħhom ta' politika monetarja, tal-kambju u tal-istabilità finanzjarja minn rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel u wara n-negozjar****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Tranżazzjonijiet fejn il-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) huma kontropartijiet huma eżentati mir-rekwiżiti ta' trasparenza tan-negozju skont l-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 sakemm dawn it-tranżazzjonijiet isegwu l-politika monetarja, tal-kambju jew tal-istabilità finanzjarja.
- (2) Eżenzjoni bħal din mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tista' tiġi estiża, f'konformità mal-Artikolu 1(9) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, meta jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti, lil banek ċentrali ta' pajjiżi terzi kif ukoll lill-Bank għall-Flasijiet Internazzjonali, li għall-fini ta' din l-eżenzjoni huwa meqjus ekwivalenti għal bank ċentrali ta' pajjiżi terzi permezz tal-Artikolu 1(9) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ħejjiet u ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport fejn tivvaluta t-trattament internazzjonali tal-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Ir-rapport inkluda analiżi tat-trattament ta' banek ċentrali, inkluż membri tas-SEBĊ, fi ħdan il-qafas legali ta' pajjiżi terzi, u l-impatt potenzjali li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni regolatorji fl-Unjoni jista' jkollhom fuq it-tranżazzjonijiet ta' banek ċentrali ta' pajjiżi terzi. Ir-rapport ikkonkluda fir-rigward tal-analiżi li l-eżenzjoni ta' għadd ta' banek ċentrali ta' pajjiżi terzi mill-obbligi ta' trasparenza ta' negozju tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kienet meħtieġa, u għalhekk ikkonkluda dwar l-adekwatezza tal-estensjoni tal-eżenzjoni, anke lill-banek ċentrali ta' daww il-pajjiżi terzi.
- (3) Il-lista tal-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi eżentati stabbilita f'dan ir-Regolament għandha tiġi riveduta kif xieraq, inkluż bil-ħsieb li fejn xieraq jiġi estiżi l-eżenzjonijiet lil banek ċentrali ta' pajjiżi terzi oħra li għadhom ma ġewx inklużi fil-lista jew li jitneħħew entitajiet pubbliċi bħal dawn mil-lista.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Banek ċentrali ta' pajjiżi terzi eżentati**

(L-Artikolu 1(9) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-Artikolu 1(6) u 1(7) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom japplikaw għall-Bank għall-Flasijiet Internazzjonali u għall-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

1. L-Awstralja:
 - Il-Bank tar-Riżerva tal-Awstralja;
 2. Il-Brażil:
 - Il-Bank Ċentrali tal-Brażil;
 3. Il-Kanada:
 - Il-Bank tal-Kanada;
 4. Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong:
 - L-Awtorità Monetarja ta' Hong Kong,
 5. L-Indja:
 - Bank tar-Riżerva tal-Indja;
 6. Il-Ġappun:
 - Il-Bank tal-Ġappun;
 7. Il-Messiku:
 - Il-Bank tal-Messiku;
 8. Ir-Repubblika tal-Korea:
 - Il-Bank tal-Korea;
 9. Singapor:
 - L-Awtorità Monetarja ta' Singapore;
 10. L-Iżvizzera:
 - Il-Bank Nazzjonali Żvizzeru;
 11. It-Turkija:
 - Il-Bank Ċentrali tar-Repubblika tat-Turkija;
 12. L-Istati Uniti tal-Amerka:
 - Is-Sistema ta' Riżerva Federali;
 13. Il-Bank għall-Flasijiet Internazzjonali.
-